MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 210/1997/1

**Maria mart Alfred Bianchi, Josephine Calleja, Ellen Micallef Eynaud f'isimha u bhala mandatarja tal-assenti Anton Calleja; u Roberto Calleja, bhala uniku eredi tal-mejjet Ettore Calleja**

**v.**

**J.M.A. Developments Ltd, l-ewwel konvenut, u n-Nutar Dr Pierre Cassar, it-tieni konvenut**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni intavolata fid-29 ta' Jannar 1997 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-atturi ppremettew illi b'konvenju tal-15 ta' Marzu, 1996 l-ewwel konvenut obbliga ruhu li jixtri minghand l-atturi proprjetarji (fosthom Ettore Calleja illum mejjet) il-fondi numri 108, 110 u 111 Independence Square, Valletta bil-pattijiet u kondzzjonijiet stipulati (Dok. A); illi in kontemplazzjoni ta' dan ix-xiri l-ewwel konvenut hallas f'idejn it-tieni konvenut is-somma ta' LM10,000 bil-kondizzjoni li dan il-pagament jibqa a beneficcju tal-vendituri jekk l-ewwel konvenut ma jersaqx ghall-kuntratt ta' trasferiment ghal ragunijiet mhux validi fil-ligi; illi qabel l-iskadenza ta' l-imsemmi konvenju l-atturi fit-12 ta' Dicembru, 1996 interpellaw lill-ewwel konvenut biex jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni ta' l-att u billi l-ewwel konvenut baqa' inadempjenti ghal ebda raguni valida fil-ligi; u billi ghalhekk hija dovuta mill-konvenuti s-somma ta' LM10,000 fuq imsemmija li ghaliha huwa responsabbli wkoll it-tieni konvenut; talbu li:-

(1) jigi dikjarat u deciz illi s-somma ta' LM10,000 fuq imsemmija hija dovuta lill-atturi; u

(2) ghaliex it-tieni konvenut m'ghandux jigi kundannat jhallas lill-atturi s-somma fuq imsemmija.

Bl-imghax mill-15 ta' Marzu 1996 u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru tas-17 ta' Jannar 1997 kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fit-13 ta' Novembru 1997 is-socjeta` J.M.A. Developments eccepiet illi t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda stante illi huma infondati fid-dritt u fil-fatt, peress illi l-kuntratt pubbliku ta' bejgh ma setghax isir fil-perjodu patwit peress illi l-bejjiegha kollha tal-fond ma kenux stabbiliti.

In-Nutar Pierre Cassar, debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni fil-11 ta' Dicembru, 1997, ghazel li ma jipprezenta ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u b'hekk baqa' kontumaci.

B'nota pprezentata fil-31 ta' Jannar, 2000 l-attrici Helen (Ellen) Micallef Eynaud cediet l-atti tal-kawza in kwantu jirrigwarda l-interess taghha (fol.35), mentri fit-2 ta' Frar, 2000 l-attur Roberto Calleja wkoll ceda l-atti tal-kawza in kwantu jirrigwarda l-interess tieghu (fol.36).

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tat-28 ta' Marzu, 2003 billi iddikjarat li s-somma ta' LM10,000 hija dovuta lill-atturi u konsegwentement ikkundannat lill-istess konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma fuq imsemmija bl-imghax mill-15 ta' Marzu, 1996 u l-ispejjez, u dana wara li qalet hekk:

"Is-socjeta' konvenuta issostni li l-kuntratt ta' bejgh ma sarx ghal raguni valida imputabbli lill-vendituri u precizament ghaliex ma kienx stabbilit min kienu l-bejjiegha. In-Nutar Pierre Cassar fid-deposizzjoni tieghu jghid illi huwa kien informa lill-partijiet li kellha ssir id-dikjarazzjoni causa mortis rigwardanti Ettore Celleja qabel ma jsir il-kuntratt. Huwa izda jghid ukoll li tali dikjarazzjoni setghet tkun parzjali u setghet issir kontestwalment mal-kuntratt ta' bejgh. Dan il-fatt gie wkoll ikkonfermat min-Nutar Hugh Grima li xehed fis-seduta tat-22 ta' Gunju, 2001.

**"Konsiderazzjonijiet.**

"Illi mill-provi rrizulta li wara li giet prezentata l-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru, 1996 kien gie ffissat appuntament sabiex isir il-kuntratt ghas-7 ta' Jannar, 1997 izda l-kuntratt xorta baqa' ma sarx f'dik id-data. L-attrici Maria Bianchi ssostni li l-kuntratt ma sarx f'dik id-data ghaliex gurnata qabel hija giet infurmata min-Nutar Cassar li l-appuntament kien ser jigi kancellat. Is-socjeta` konvenuta tkompli ssostni li l-kuntratt ma sarx minhabba li ma kinitx saret id-dikjarazzjoni causa mortis (ara xiehda ta' Joe Camilleri a fol. 114 u 115), filwaqt li l-konvenut in-Nutar Pierre Cassar jirritjeni li l-kuntratt ma sarx "ghaliex it-tifel ta' Ettore ma giex jiffirma". In-Nutar Cassar fix-xiehda tieghu tat-28 ta' Mejju, 2001 jghid ukoll li dakinhar li kellu

jsir il-kuntratt u cioe` fis-7 ta' Jannar, 1997, kien mar Dr. Paul Borg Olivier ghandu, u cioe` l-avukat ta' l-attur Roberto Calleja, u tah ittra fejn infurmah li ma kienx ser jattendi ghall-kuntratt. Dr. Paul Borg Olivier min-naha l-ohra jsostni li fis-7 ta' Jannar huwa kien ghadda ittra 'by hand' lin-Nutar Cassar fejn infurmah li l-klijent tieghu, u cioe` Roberto Calleja, kien ser jattendi ghal kuntratt. Kopja ta' din l-ittra tinsab esebita a fol. 118 tal-process u f'din l-ittra indirizzata lin-Nutar Cassar naqraw hekk:

"*Following our teleconversation this morning, I would like to inform you that my client, Roberto Calleja, is in a position to sign the contract of sale of the Valletta property with JMA Developments Limited due to be signed this evening and which was postponed for reasons beyond his control."*

"Ma jirrizultax car x'kienu r-ragunijiet li thassar dan l-appuntament tas-7 ta' Jannar izda jidher li l-bejjiegha kienu kollha disponibbli sabiex jiffirmaw il-kuntratt dakinhar u li l-appuntament thassar mix-xerrejja.

"Dr. Paul Borg Olivier ikkonferma wkoll li l-klient tieghu kien lest li jaghmel dikjarazzjoni causa mortis parzjali u cioe` biss inkwantu jirrigwarda l-fond li kien ser jinbiegh permezz tal-konvenju in kwistjoni u dan peress li "*iz-zmien ghal konvenju kien qed jaghlaq*".

"Dr. Borg Olivier jghid ukoll:

"*Fit-12 ta' Dicembru 1996, il-vendituri kienu ghamlu ittra ufficjali lis-socjeta` konvenuta biex jaddivjenu ghal kuntratt. Sa dak iz-zmien id-dikjarazzjoni parzjali causa mortis ma kinitx ghadha saret pero` dejjem kien hemm l-intendiment li d-dikjarazzjoni parzjali ssir ma' l-att finali li hu tal-post u mal-gurnata tal-bejgh. Roberto Calleja kien lest li jaghmel din id-dikjarazzjoni parzjalment. Id-dikjarazzjoni parzjali saret wara s-16 ta' Dicembru, x-xahar li fih skattat l-ittra ufficjali".*

"Dan kollu gie konfermat mill-istess Roberto Calleja li fl-affidavit tieghu a fol. 26 tal-process jghid "Dan il-konvenju

kellu jiskadi fil-15 ta' Dicembru 1996 u naf li qabel din id-data konna sejjahna lill-kompraturi, permezz ta' ittra ufficjali, halli jersqu ghall-kuntratt finali. Dawn baqghu ma resqux." Huwa jghid ukoll li kien l-uniku eredi ta' missieru u li s-socjeta` konvenuta kienet a konoxxenza ta' dan il-fatt. Roberto Calleja jghid ukoll li meta skada l-konvenju:

"*jien kont lest li nidher fuq l-att finali u nbiegh is-sehem ta' missieri. Kont dispost ukoll li niffirma xi estensjoni tal-konvenju kieku l-konvenuti xtaqu hekk. Pero` l-konvenuti baqghu ma resqux u l-bejgh ma sarx".*

"Jidher li d-denunzja causa mortis li l-konvenuti jirritjenu li kienet ir-raguni ghaliex ma sarx il-kuntratt effettivament saret izda saret wara l-15 ta' Dicembru, 1996, u cioe` id-data meta kellu jiskadi l-konvenju. Din id-dikjarazzjoni causa mortis pero` saret entro it-terminu ta' xahar wara li giet prezentata l-ittra ufficjali fejn is-socjeta` konvenuta giet interpellata taddivjeni ghall-kuntratt. Irid ghalhekk jigi determinat jekk fil-mument li saret din id-denunzja kienux ghadhom in vigore il-kundizzjonijiet stipulati fil-konvenju u cioe` jekk l-ittra ufficjali testendi il-konvenju ghal dan il-perjodu ta' xahar sakemm tigi intavolata l-kawza. L-Artikolu 1357(2) tal-Kap. 16 jistabilixxi s-segwenti in kwantu jirrigwarda l-effett tal-konvenju:-

"*L-effett ta' din il-weghda jispicca meta jaghlaq iz-zmien miftiehem bejn il-partijiet ghal hekk jew, jekk ma jkunx hemm ebda ftehim bhal dak meta jghaddu tlett xhur minn dakinhar li l-bejgh ikun jista' jsir, kemm-il darba l-accettant ma jsejjahx lil dak li wieghed, b'att gudizzjarju prezentat qabel ma jghaddi z-zmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jaghmel il-bejgh, u kemm-il darba, fil-kaz li dak li jwieghed jonqos li jaghmel hekk, it-talba b'citazzjoni sabiex titwettaq il-weghda ma tigix prezentata fi zmien tletin jum minn meta jaghlaq l-imsemmi zmien.*"

"Jidher ghalhekk li una volta li jigi prezentat l-att gudizzjarju qabel ma jiskadi t-terminu tal-konvenju, dan l-att gudizzjarju jestendi l-effetti tal-konvenju ghal perjodu ta' xahar sakemm jew l-accettant jaghzel li jersaq ghall-kuntratt entro dak ix-xahar jew alttrimenti sakemm tigi

prezentata l-azzjoni fejn jintalab li l-accettant iwettaq il-weghda li jkun ghamel permezz tal-konvenju.

“Fil-kaz odjern l-atturi pprezentaw l-att gudizzjarju msemmi f’dan l-artikolu tlett ijiem qabel ma kellu jiskadi l-konvenju. Huma fil-fatt prezentaw l-ittra ufficjali fit-12 ta’ Dicembru, 1996 u l-konvenju kellu jiskadi fil-15 ta’ Dicembru, 1996. Kif diga` ntqal aktar ’il fuq id-dikjarazzjoni causa mortis saret wara d-data li fiha kellu jiskadi l-konvenju izda entro l-perjodu ta’ xahar li fih gew estizi l-effetti tal-konvenju.

“Inoltre irid jinghad ukoll li l-attur Roberto Calleja ddikjara li huwa kien dispost li jaghmel dikjarazzjoni causa mortis parzjali fuq l-att tal-bejgh anke qabel ma effettivament saret tali denunzja. Irid jigi rilevat ukoll li l-ittra ufficjali li giet prezentata fit-12 ta’ Dicembru, 1996 intbaghtet minn Roberto Calleja wkoll. Dan jindika li huwa effettivament kien dispost jersaq ghall-kuntratt relattiv u jaghmel id-denunzja parzjali fuq l-att ta’ bejgh. L-ittra ufficjali li giet prezentata mis-socjeta` konvenuta fis-16 ta’ Dicembru, 1996, fejn hija iddikjarat li kienet disposta tersaq ghall-kuntratt ta’ bejgh intbaghtet lill-atturi kollha, inkluz Roberto Calleja bhala werriet ta’ Ettore Calleja. Dan jimplika li f’dak il-mument is-socjeta` konvenuta kienet a konoxxenza tal-fatt li Roberto Calleja kien l-uniku eredi ta’ Ettore Calleja. Anke kienu xerrej (sic) ghandu jirrizulta mir-ricerki min hu l-eredi.

“Jidher ghalhekk li l-kuntratt ta’ bejgh relattiv ma sarx minhabba ragunijiet imputabbli lis-socjeta` konvenuta fis-sens li hija ma kellhiex raguni valida skond il-ligi sabiex ma tersaqx ghall-kuntratt. Dan ifisser li l-LM10,000 depozitu li thallsu meta gie ffirmat il-konvenju ghandhom ai termini tal-klawsola 2.5 tal-konvenju tal-15 ta’ Marzu, 1996 jithallsu lill-atturi.”

Mis-sentenza fuq imsemmija gie pprezentat appell tas-socjeta` JMA Developments Ltd kif ukoll appell incidentali tan-Nutar Pierre Cassar.

**L-appell tas-socjeta` JMA Developments Ltd.**

Is-socjeta` JMA Developments Ltd hasset ruhha agravata bis-sentenza fuq imsemmija u b'rikors intavolat fil-15 ta' April, 2003 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza billi tilqa' l-eccezzjonijiet taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

**L-aggravji tas-socjeta` appellanti** huma bazikament tlieta u jindirizzaw is-segwenti:-
1) l-effetti tal-ittra ufficjali li ntbghatet mill-atturi lis-socjeta` konvenuta sabiex din taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh, billi qed jinghad, kuntrarjament ma' dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti, li dik l-ittra ufficjali u c-citazzjoni sussegwenti "*ma jaghtux dritt lill-parti li jissana l-posizzjoni tieghu jekk fid-data ta' l-iskadenza tal-konvenju dik il-parti kienet inadempjenti*."

2) l-Artikolu 1357(2) li fuqu hija bazata s-sentenza appellata billi qed jinghad li dan l-artikolu mhux applikabbli ghac-cirkostanzi tal-kaz.

3) il-*quantum* billi qed jinghad li la darba whud mill-atturi rrinunzjaw ghall-atti l-ammont se mai dovut kellu jirrifletti dawk li baqghu fil-kawza.

Fl-appell incidentali tan-Nutar Pierre Cassar jidher li ghalkemm gew indikati diversi aggravju fir-realta` dawn jistghu jigu sintetizzati taht tlett kapi u cioe:
a) Ir-responsabbilita` ta' depozitarju;

b) Il-*quantum* li ghandu jithallas; u

c) L-ispejjez tal-kawza.

Rat in-noti tar-riferenzi pprezentati mill-kontendenti kif ukoll id-dokumenti minnhom esebiti.

Ittrattat l-appell.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-effetti ta' l-ittra ufficjali u liema artikolu japplika.**

L-ewwel Qorti rritjeniet li a tenur ta' l-Artkolu 1357(2) tal-Kap. 16 gialadarba tigi pprezentata ittra ufficjali qabel ma jiskadi t-terminu tal-konvenju, dan l-att gudizzjarju jestendi l-effetti tal-konvenju ghal perjodu ta' xahar sakemm jew l-accettant jaghzel li jersaq ghall-kuntratt entro dak ix-xahar jew altrimenti sakemm tigi prezentata l-azzjoni fejn jintalab li l-accettant (ossia dak li jkun wieghed) iwettaq il-weghda li jkun ghamel permezz tal-konvenju.

Is-socjeta` appellanti ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni tal-provvedimenti ta' l-Artikolu citat billi, qed jigi sottomess illi "l-*"effett" imsemmi fil-ligi ma jestendix id-data ta' l-iskadenza tal-konvenju stipulata bejn il-partijiet, izda il-konsegwenza, "l-effett", li tali konvenju jista' jigi enforzat.*" Dan qed jinghad in kwantu jirrizulta li sad-data ta' l-iskadenza tal-konvenju u cioe` il-15 ta' Dicembru, 1996, l-attur Roberto Callejja ma kienx ghadu ppublika id-dikjarazjoni *causa mortis* qua eredi ta' missieru Ettore u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ssostni li kienet gustifikata li ma tersaqx ghall-pubblikazzjoni ta' l-att in kwantu, minhabba f'hekk, sa dakinhar is-sidien kollha ma kienux maghrufin.

Is-socjeta` konvenuta ghamlet riferenza ghal diversi sentenzi tal-qrati taghna in sostenn tas-sottomissjoni taghha biss, wara li hadet konjizzjoni ta' dawn is-sentenzi, din il-Qorti xorta ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta` attrici appellanti billi minn qari akkurat tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 1357 tal-Kap. 16 jidher li l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti kienet korretta. Infatti dan is-subartikolu jitkellem car dwar l-effett tal-weghda u li din tispicca kemm-il darba jaghlaq iz-zmien u ma tigix prezentata ittra ufficjali. Il-kliem uzat mil-ligi huwa car billi jinghad li "L-effett ta' din il-weghda jispicca …… kemm-il darba l-accettant ma jsejjahx lil dak li wieghed, b'att gudizzjarju ……..'' U l-effett tal-weghda x'inhu jekk mhux d-dritt u obbligu reciproku naxxenti mill-istess konvenju ta' komprovendita`? Matul dak il-perjodu ta' xahar l-att jista`

jigi ppublikat bil-kondizzjonijiet kollha li jkun hemm gewwa fih. Isegwi li l-konvenju jibqa' in vigore u jekk fil-frattemp xi nuqqas jigi sanat dak il-kuntratt ghandu jigi pubblikat. Jigi osservat li s-sentenzi kollha li saret riferenza ghalihom kienu nghataw zmien qabel ma ghaddiet l-emenda ghall-Artikolu 1357 li sehhet fin-1976 u li bidlet radikalment dan l-istess artikolu billi issa qed jinghad li l-weghda ma tispiccax kemm-il darba tigi prezentata l-ittra ufficjali appozita.

Dan kollu qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt li jidher li l-istess Roberto Calleja dejjem kien pront, kif jidher li kien intenzjonat li jsir, li fl-att finali ta' trasferiment issir dikjarazzjoni parzjali *causa mortis* relattivament ghas-sehem tieghu mill-fond in vendita`. Ghalhekk anke qabel l-iskadenza tal-konvenju l-kuntratt seta' facilment jigi pubblikat billi kull nuqqas jigi sanat waqt l-istess pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh. Dan l-aggravju ghalhekk ma huwiex gustifikat.

Is-socjeta` appellanti qed issostni li fi kwalunkwe kaz l-Artikolu 1357(2) mhux rilevanti ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni. Infatti qed jigi sottomess li d-depozitu maghmlu fl-okkazzjoni ta' l-iffirmar tal-konvenju ghandu jigi kunsidrat bhala "kapparra" u mhux semplici depozitu. Konsegwentement, qed jinghad, li kellu jigi applikat l-Artikolu 1359 tal-Kap. 16. Dan l-artikolu jikkontempla l-ghoti ta' kapparra. Din il-kapparra, kuntrarjament ghal dak li gie sottomess mid-difensur tas-socjeta` appellanti fir-rikors ta' appell, ghandha skop specifiku u cioe` li tintitola lil min jaghtiha li johrog mill-weghda, anke minghajr raguni valida, basta li jitlef, favur il-kontro-parti, dak l-ammont li jkun gie hekk depozitat. Issa minn qari tal-partijiet rilevanti tal-konvenju jirrizulta li certament ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet u lanqas ma hekk tirrizulta miktuba, li l-ammont ta' LM10,000 kien qed jigi depozitat bhala kapparra. Dan in effetti kien depozitu formanti parti mill-prezz finali fuq l-att ta' trasferiment li, fil-kaz li s-socjeta` appellanti tonqos li tidher minghajr raguni valida fuq il-kuntratt, jigi moghti lill-atturi. Ghalhekk is-socjeta` appellanti ma kinitx qed tirrizerva favur taghha d-dritt naxxenti mill-Artikolu 1359 billi ma jirrizultax li zammet l-*option* li tohrog mill-obbligi

taghha billi titlef il-kapparra, izda obbligat ruhha li titlef is-somma hekk imhallsa kemm-il darba ma tersaqx minghajr ma jkollha raguni valida. Dan l-artikolu ghalhekk mhux rilevanti u konsegwentement dan l-aggravju huwa michud.

**Dwar il-Quantum.**

Kemm is-socjeta` konvenuta kif ukoll in-Nutar Pierre Cassar, fl-appell incidentali minnu interpost, qed jissotomettu li gialdarba whud mill-atturi rrinunzjaw ghall-atti tal-kawza fil-mori, l-ewwel Qorti kienet skorretta li tikkundanna l-konvenuti jhallsu l-ammont intier depozitat fl-okkazzjoni ta' l-iffirmar tal-konvenju. Qed jinghad infatti, u dana b'certa sens, li l-ammont reklamat fic-citazzjoni kien ikun dovut kwinta parti lil kull wiehed u wahda mill-atturi u cioe` LM2000 kull wiehed jew wahda mill-atturi. Ghalhekk jekk uhud mill-atturi (u cioe` Helen Micallef Eynaud in kwantu jirrigwarda l-interess taghha, u Roberto Calleja) cedew it-talba taghhom dan ghandu jkun rifless fl-ammont finali li jigi akkordat lill-atturi rimanenti billi issa baqa' biss Maria mart Alfred Bianchi, Josephine Calleja, u l-assenti Anton Calleja rapprezentat minn Ellen Micallef Eynaud. Dan izjed u izjed billi jidher li l-istess atturi accettaw riduzzjoni ta' l-ammont f'idejn in-Nutar Cassar, li kien hallas lura lis-socjeta` konvenuta tlett kwinti mill-ammont depozitat ghandu, billi xi whud mill-atturi rimanenti talbu u ottenew l-hrug ta' mandat ta' sekwestru f'idejh ghall-ammont li kien jirrifletti *piu` o meno*, l-ammont minnhom pretiz (ara d-dokumenti annessi man-noti tal-partijiet esebiti fil-mori ta' l-appell). Ghalkemm kif gie sottomess mill-kontro-parti l-obbligu tas-socjeta` konvenuta kien li thallas l-ammont ta' LM10,000 jekk ma tersaqx ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt u li l-konvenju b'ebda mod ma gie alterat biex jirrifletti din ir-realta`, din il-Qorti, anke b'sens ta' gustizzja in vista tac-cessjoni minn uhud mill-partijiet ta' l-interess taghhom, taqbel ma' din is-sottomissjoni kif hekk kontenuta fir-rikors ta' appell u fl-appell incidentali u ghalhekk ser tipprovdi konformement fil-parti dispositiva tas-sentenza.

Dwar l-appell indicentali tan-Nutar Pierre Cassar.

**Fuq l-obbligi tad-depozitarju.**

Qed jigi sottomess korrettement min-Nutar Cassar li l-posizzjoni tieghu ghandha min-natura ta' depozitarju. Pero` din il-Qorti thoss li l-posizzjoni tieghu kienet aktar minn hekk billi hu kien ukoll mandatarju tas-socjeta` konvenuta in kwantu kellu l-istruzzjonijiet taghha li jghaddi l-ammont hekk depozitat ghandu lill-atturi kemm-il darba jsehh il-kuntratt ta' bejgh. Pero` fil-kaz sottoezami n-Nutar Cassar kellu ukoll l-obbligu, f'kaz li l-kuntratt ma jigix pubblikat minhabba raguni mhux valida skond il-ligi attribwibbli lis-socjeta` konvenuta, li jghaddi l-istess ammont lill-atturi kif kontemplat fil-konvenju. Huwa minnu, kif osserva l-istess Nutar li, gialadarba ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar minn kien hati li ma giex ippubblikat il-kuntratt, huwa ma setax jagixxi bhala arbitru billi jirritorna l-flus lis-socjeta` konvenuta jew li jhallashom lill-atturi in linea ta' danni. Hu kellu ta` bilfors jistenna decizjoni finali ta' Qorti. B'dana kollu depozitarju ghandu jagixxi *uti bonus paterfamilias,* biss ma jidhirx li dan ghamel hekk billi mhux biss ma iddepozitax l-ammont il-Qorti, kif kien obbligat jekk ried jehles minn kull responsabbilita`, izda talli, kuntrarjament ghall-intenzjoni tal-partijiet zamm f'idejh l-ammont ghandu depozitat minn 1996 sallum. Minhabba dan in-nuqqas kienet mehtiega l-prezenza tieghu fil-kawza billi qua detentur tal-flus kien jehtieg li jkun hemm ordni tal-Qorti fil-konfront tieghu lil min dawk il-flus kellhom jithallsu.

Dwar l-imghaxijiet li l-istess Nutar Cassar gie kkundannat ihallas fuq is-somma ghandu depozitata, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tieghu li fir-realta` hu, qua depozitarju, ma kellu ebda tort fin-nuqqas ta' hlas lill-atturi tas-somma minnhom reklamata. Huwa seta' se mai jigi kundannat jirrifondi l-frottijiet li seta' rrikava mis-somma ghandu depozitata (Artikolu 1907 Kap 16), biss ma jidhirx in atti li saret xi prova f'dan ir-rigward. Ghalhekk l-imghax ghandu jigi debitat lis-socjeta` konvenuta u f'dan is-sens dan l-aggravju jirrizulta gustifikat.

L-aggravju dwar il-quantum gia` gie kunsidrat hawn fuq u ghalhekk japplika ghalih dak li ser jinghad fil-parti dispozittiva tas-sentenza.

**Dwar l-ispejjez.**

In-Nutar Cassar gie ritenut responsabbli ghall-ispejjez tal-kawza flimkien mas-socjeta` konvenuta. Huwa pero` jghid li gialadarba huwa ma kellux x'jaqsam fid-divergenzi ta' bejn il-kontendenti u kien biss bhala depozitarju, huwa ma ghandux ibati spejjez. Din il-Qorti pero` ma taqbilx. Jekk in-Nutar Cassar ried jevita xi responsabbilita` kien dmir tieghu li, skadut it-terminu tal-konvenju, jiddepozita l-ammont ghandu depozitat fir-Registru tal-Qorti. B'dan il-mod kien jevita li jkun parti in kawza u tigi mwarrba kull allegazzjoni ta' nuqqas da parti tieghu. La darba dan ma ghamilx hekk u minfolk ghazel li jzomm f'idejh l-flus ghal dan iz-zmien kollu dan l-aggravju mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tiddisponi kemm mill-appell principali kif ukoll minn dak incidentali billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tiddikjara li l-ammont dovut lill-atturi li ghad fadal in kawza huwa ta' sitt elef liri Maltin (LM6,000) minflok is-somma ta' ghaxart elef liri Maltin (LM10,000) imsemmija fis-sentenza appellata; tirriforma l-istess sentenza wkoll billi tillibera lill-konvenut Nutar Pierre Cassar minn kull obbligu li jhallas imghax fuq l-ammont dovut lill-atturi billi dan ghandu jithallas kollu mis-socjeta` konvenuta appellanti; u ghall-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez fic-cirkostanzi, kemm dawk in prim istanza kif ukoll ta' dan l-appell, ghandhom jigu sopportati terz mill-atturi li ghad fadal, terz mis-socjeta` konvenuta u terz min-Nutar Pierre Cassar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------